

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Il-liġi Applikabbli Għad-divorzju U Għas-separazzjoni Legali](#) > [Spain](#)

Il-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali

Spanja



Spanja

L-Artikolu 7 minn (2) sa (4) – Ir-rekwiżiti formali applikabbli għall-ftehimiet dwar l-għażla tal-liġi applikabbli

Il-liġi Spanjola tippredvi rekwiżiti formali addizzjonali għall-ftehimiet dwar l-għażla tal-liġi applikabbli b'konformità mal-Artikolu 7(2) sa (4), tar-Regolament (UE) Nru 1259/2010, jiġifieri: l-għażla tal-liġi applikabbli trid tkun miftiehma f'dokument pubbliku b'setgħa eżekuttiva (quddiem nutar pubbliku) jew f'"dokument awtentiku" (dokument data u ffirmat mill-partijiet b'mod inekwivokabbli, anke jekk id-dokument innifsu ma jkunx f'forma ta' strument notarili).

L-Artikolu 5 (3) – Il-possibbiltà tal-għażla tal-liġi applikabbli matul il-proċedimenti

Skont il-liġi Spanjola, il-miżżewġin ma jistgħux jindikaw il-liġi applikabbli quddiem il-qorti waqt li jkun għaddejjin il-proċedimenti.

L-aħħar aġġornament: 26/02/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.